FLORIANA

KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

19 ta' Marzu 2016

## LAQGĦA TAL-KUNSILL

### Minuti tal-erbgħatax (14)-il laqgħa tas-Seba' Kunsill Lokali Floriana

Is-Sindku sejjħet l-erbgħatax (14)-il Laqgħa tas-Seba' Kunsill Lokali Floriana, li nżammet **nhar il-Erbgħa 9 ta' Marzu 2016 fil-5.00pm**, b'din l-aġenda:

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti imqajjma mill-minuti
3. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
4. Mistoqsijiet lis-Sindku
5. Materji / Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati
6. Rapporti minn Uffiċjali tal-Kunsill
7. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji
8. Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet
9. Pjan ta Ħidma 2016-2018
10. Jum il-Floriana
11. Festival Nazzjonali tal-Logħob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat
12. St Patrick's Day
13. Skema ta Parkeġġ residenzjali
14. Ġenna ta Ġonna u Ħafna Aktar
15. Proġetti u Xogħlijiet
16. Traffiku u parkeġġ
17. Ġonna u Soft areas
18. Aġġornament tal-Laqgħa

Għal-erbgħatax (14)-il laqgħa tas-Seba' Kunsill kien hemm preżenti **is-Sindku Davina Sammut Hili, il-Viċi Sindku Vincent Borg, il-Kunsillier Matthew Paris, il-Kunsillier James Aaron Ellul u l-Kunsillier Albert Demarco flimkien mal-Aġent Segretarju Eżekuttiv S Flores.**

Il-Kunsillier Albert Demarco attenda wara materja 2.3
Il-Kunsillier Matthew Paris u **l-Ambaxxatriċi għaż-Żgħażagħ, is-Sinjorina Michaela Farrugia** attendew wara materja 3.3.1.

**Bidu tal-laqgħa:**
Il-laqgħa nfetħet permezz ta' talba żgħira mis-Sindku Davina Sammut Hili u l-membri preżenti.

## 1. Approvazzjoni tal-Minuti

1.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet il-minuti tat-tnax (12)-il laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkolati minn qabel ma' l-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

1.2. Il-Viċi Sindku Vincent Borg ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier James Aaron Ellul favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija f'1.1. Ittieħed vot bir-riżultat kien:

Favur: 3 (VB, JAE, DSH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

Konsegwentement ġew iffirmati l-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill mis-Sindku Davina Sammut Hili u mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv Svetlick Flores

1.3. Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet il-minuti tat-tlettax (13)-il laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkolati minn qabel ma' l-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija..

1.4. Il-Kunsillier James Aaron Ellul ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Vincent Borg favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija f'1.3. Ittieħed vot bir-riżultat kien:

Favur: 3 (JAE, VB, DSH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

Konsegwentement ġew iffirmati l-minuti tal-laqgħa imsemmija mis-Sindku Davina Sammut Hili u mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv Svetlick Flores.

## 2. Punti imqajjma mill-minuti

2.1. Il-Kunsillier James Aaron Ellul għamel riferenza għall-materja numru 2.1 u saqsa rigward il-bdil tal-arma antika tal-Kunsill fit-tabelli tal-ismijiet tat-toroq.

2.1.1. L-Aġent-Segretarju Eżekuttiv informa li dawn kienu ġew ordnati.

2.2. Il-Kunsillier James Aaron Ellul għamel referenza għal materja numru 4.7 u saqsa jekk kienx hemm xi żviluppi rigward it-tiswija tal-piċċ sintetiku.

2.2.1. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa li huwa kien iltaqa' mal-fornitur tal-piċċ eżistenti sabiex issir spezzjoni ta' kif jista' jiġi irranġat. Huwa informa li qed jistenna risposta mingħand il-fornitur.

2.3. Il-Kunsillier James Aaron Ellul għamel referenza għall-materja numru 4.3 u saqsa lis-Sindku Davina Sammut Hili jekk kienx hemm xi żviluppi fir-rigward tat-tindif imsemmi.

2.3.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili qalet li hi kienet iltaqat mad-direttur tal-Cleansing Department li kien ikkonferma li taħt il-loġoġ kien qed jitnaddaf kuljum. Is-Sindku informat ukoll li l-Cleansing Department kienu ser jibdew jieħdu ħsieb it-tindif tal-Fosos ta' Pjazza San Publju.

**Nota: 17:06 Il-Kunsillier Albert Demarco attenda għal-laqgħa.**

2.4. Il-Kunsillier James Aaron Ellul għamel referenza għall-materja numru 4.6 u saqsa lis-Sindku Davina Sammut Hili jekk kienx hemm xi żviluppi fuq il-bank li nqala' minn fuq il-Fosos. Huwa saqsa jekk kienx hemm xi filmati tas-CCTV li setgħu ikunu t'għajnuna.

2.4.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili wieġbet li l-Pulizija kienu ċċekkjaw il-filmati tas-CCTV ta' The Granaries kif ukoll tal-Middlesea iżda irriżulta li l-kameras ma kienux jagħtu fuq iz-zona in kwistjoni. Il-Kunsill qabel li għandu jibgħat reminder lill-Pulizija.

## 3. Komunikazzjonijiet mis-Sindku

3.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza mingħand il-Floriana Ajax fejn offrew lill-Kunsill sabiex tittella' attività' Presentation Night fix-xhur tas-Sajf.

3.1.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li jtella' l-attività' konġuntament mal-Floriana Ajax bi spiża li ma teċċedix l-€450.

3.2. Is-Sindku Davina Sammut Hili tkellmet dwar it-talba tas-Sur Bilocca, rappreżentant ta' Frank Salt Ltd, sabiex jitwaħħlu żewġ barriers oħra fi Triq il-Mall, mal-ġenb taż-żebra crossings, in-naħa tal-parking area. Is-Sindku żiedet tgħid ukoll li s-Sur Bilocca kien dispost jagħmel ukoll ir-wrapping tal-vettura tal-Kunsill u dan in kontra kambju ta' ħlas tal-barriers għal sena bi ftehim għal sentejn.

3.2.1. Il-Kunsill qabel li jilqa' t-talba tas-Sur Bilocca għal barriers kif ukoll ghar-wrapping.

3.3. Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza mingħand il-Gazzetta Il-Furjana li tirrigwarda it-Tonna Trophy.

**Nota: 17:19 Il-Kunsillier Matthew Paris attenda għal-laqgħa**
**L-Ambaxxatriċi għaż-Żgħażagħ Michaela Farrugia attendiet għal-laqgħa.**

3.3.1. Il-Viċi Sindku Vincent Borg innomina lis-Sur Albert Mockridge u s-Sindku Davina Sammut Hili issekondatu.

3.3.2. Il-Kunsillier James Aaron Ellul innomina lill-Mużew tal-Bniet.

3.3.3. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li għandu jinnomina lis-Sur Albert Mockridge għat-Tonna Trophy.

3.3.4. Il-Kunsillier Matthew Paris qal li ser jastjeni fuq bażi ta' konflitt t'interess minħabba l-involviment tiegħu fit-Tonna Trophy.

3.4. Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza mingħand l-Uffiċċju Parrokkjali fejn offrew spazju ta' reklamar fuq il-paġna ta' wara tal-ktieb tal-festa għall-prezz ta €326 u 4 paġni fin-nofs fejn il-Kunsill ikun jista' jirrapporta dak li jixtieq għall-prezz ta €200.

3.4.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel fuq ir-riklam tal-paġna ta' wara iżda mhux għall-erbgħa paġni indikati.

3.5. Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza mingħand id-Dipartiment għal-Gvern Lokali rigward Memo 6/2016 li tikkonċerna l-ħinijiet ta' ġbir ta' skart.

3.5.1. Il-Kunsill innota li l-iskart tal-lokalita' jibda' jinġabar bejn it-8.30 u d-9.00. Għalhekk il-Kunsill qabel li għandu joħroġ struzzjonijiet lill-kuntrattur sabiex l-iskart jibda' jinġabar iktar tard kif ukoll biex l-ewwel jinġabar l-iskart tat-toroq residenzjali u jitħalla ghall-ahhar l-iskart ta' Triq Sant'Anna.

3.6. Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet għal-approvazzjoni tal-Kunsill il-kuntratt tal-ġbir ta' skart Riċiklabbli tal-GreenMT u tat spjegazzjoni ħafifa tal-kuntratt.

3.6.1. Il-Kunsill qabel mal-kuntratt propost u għaldaqstant ġie iffirmat il-kuntratt mis-Sindku Davina Sammut Hili u mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv

3.7. Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet proposta li saret mill-artist Furjaniż Luca Cauchi fejn offra li jorganizza klassijiet tal-arti li jikkonsistu fi tnax-il lezzjoni darba fil-ġimgħa.

3.7.1. Is-Sindku żiedet tgħid li l-Kunsill huwa mitlub jipprovdi s-sala għall-użu ta' dawn il-klassijiet kif ukoll jiftaħ u jagħlaq il-bini. Hija żiedet tgħid li l-kors huwa miftuħ għal dawk kollha interessati u mhux għar-residenti biss.

3.7.2. A kwantu ta' spejjez, is-Sindku Sammut Hili issuġġeriet li l-Kunsill iħallas ukoll sa massimu ta' €100 ghall-marketing tal-kors.

3.7.3. Is-Sindku qalet ukoll li l-kors ser ikun bi prezz ta €120 kull student u li l-Kunsill ser jingħata l-opportunita' li jkun hemm żewġ parteċipanti Furjaniżi b'xejn.

3.7.4. Il-Kunsillier Matthew Paris issuġġerixxa li l-ewwel preferenza għal-kors tingħata lir-residenti Furjaniżi f'każ li jkun hemm massimu ta' parteċipanti li jistgħu japplikaw. Il-Kunsill qabel.

3.7.5. Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Sur Luca Cauchi u qabel li l-ħlas tal-kors mill-applikanti għandu jsir direttament lis-Sur Cauchi.

3.8. Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet talba mingħand resident sabiex jitwaħħlu tliet planters fi Triq il-Miratur fil-parti ta' ħdejn it-taraġ.

3.8.1. Il-Kunsillier Matthew Paris issuġġerixxa li minflok planters jitwaħħlu bollards u dan sabiex ma jintilfux spazji ta' parkeġġ.

3.8.2. Il-Kunsill qabel li għandu l-ewwel jivverifika l-qisien u jara jekk joqgħodux planters jew bollards f'din il-parti ta' Triq il-Miratur mingħajr ma jintilfu spazji ta' parkeġġ.

## 4. Mistoqsijiet lis-Sindku

4.1. Il-Kunsillier Matthew Paris saqsa lis-Sindku Davina Sammut Hili jekk intbghatitx l-ittra lill-Ministru Abela rigward il-wall cladding li sar mal-bini l-ġdid tal-Forzi Armati ta Malta.

4.1.1. Is-Sindku wieġbet li l-ittra kienet għadha ma ntbaghtitx u għandha tintbagħat f'qasir żmien.

4.2. Il-Kunsillier Matthew Paris saqsa jekk kienx hemm xi żvilupp mill-Isle of MTV.

4.2.1. Is-Sindku wieġbet li kienet ġiet stabbilita s-somma u kienu kkonfermaw li għandu jingħata l-kontribut mistenni.

4.3. Il-Kunsillier Matthew Paris saqsa lis-Sindku rigward l-isleeping policeman ta' Triq Pietro Floriani kif ukoll rigward iż-żebra crossing.

4.3.1. Is-Sindku wieġbet li l-Kunsill kien talab is-servizz tal-Perit u għadu qed jistenna mingħandu.

4.4. Il-Kunsillier Matthew Paris saqsa lis-Sindku rigward in-niżla ta' ħdejn Lollies u jekk tistax tinzebagh l-istess kulur.

4.4.1. Il-Kunsill qabel u qabel li għandu jinforma lill-ħaddiem manwali sabiex jizboghha.

4.5. Il-Kunsillier James Aaron Ellul saqsa rigward il-bini tal-Ospizio u jekk għadux jintuża għat-talb kif kien qabel.

4.5.1. Is-Sindku wieġbet li ma kellix informazzjoni rigward dan iżda ma kienx hemm ilmenti.

4.6. Il-Kunsillier James Aaron Ellul saqsa lis-Sindku rigward il-Housing u l-istatwa tal-Madonna li hemm fil-bitħa.

4.6.1. Is-Sindku infurmat li l-istatwa kienet proprjetà' tal-Kunsill u li kienet fil-lista tax-xogħol tal-Kunsill sabiex tiġi rranġata.

4.7. Il-Kunsillier James Aaron Ellul saqsa lis-Sindku rigward l-iskema tat-titjib u manutenzjoni tal-gallariji offruta mill-Housing Authority.

4.7.1. Is-Sindku infurmat li l-Housing Authority kienet tinsab wieqfa minħabba raġunijiet politiċi li seħħew dan l-aħħar.

**Nota: 17:51 Is-Sindku Davina Sammut Hili talbet li tkun skużata.**

## 5. Materji / Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sotto-kumitati

5.1. Il-Viċi Sindku Vincent Borg ippreżenta l-minuti tal-laqgħa tas-Sottokumitat tal-Anzjani li saret nhar it-12 ta' Frar 2016.

5.2 Huwa ġibed l-attenzjoni li s-sottokumitat kien talab laqgħa maċ-Chairperson tal-Housing Authority liema laqgħa nżammet u matulha ġiet diskussa l-installazzjoni ta' lifts f'numru ta' appartamenti fil-Floriana għall-benefiċċju tal-inkwilini. Huwa ppreżenta l-minuti ta' din il-laqgħa.

5.3 Il-Viċi Sindku Vincent Borg informa wkoll bil-laqgħa li saret mas-Segretarju Parlamentari Chris Fearne fejn ġie diskuss il-proġett tal-isptar Sir Paul Boffa u l-parkeġġ ta' quddiemu. Huwa nforma li l-isptar kien ser jieqaf jopera madwar sentejn oħra.

5.4 Il-Viċi Sindku Vincent Borg qal ukoll li matul il-laqgħa kienet ġiet diskussa l-problema tas-siringi li jitqassmu mill-health centre u li jispiċċa mitluqin fit-toroq tal-lokalita' u f'postijiet pubbliċi.

**Nota: 17:58 Is-Sindku Davina Sammut Hili reġgħet attendiet għal-laqgħa.**

## 6. Rapporti minn Uffiċjali tal-Kunsill

6.1. Ma kien hemm l-ebda rapporti imressqa minn Uffiċjali tal-Kunsill.

## 7. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji

7.1. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-iskedi ta' pagamenti bir-referenza 11/07 li ġew iċċirkolati minn qabel ma' l-avviż tal-laqgħa.

7.1.1. Il-Kunsillier Matthew Paris astjena mill-pagamenti ta' JF Security u tal-Jobbers.

7.1.2. Il-Kunsillier James Aaron Ellul astjena mill-pagament ta' Steve Zammit Lupi.

7.2. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Matthew Paris u ssekondata mill-Kunsillier James Aaron Ellul, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti 11/7 bir-rizultat kien:

Favur: 5 (MP, JAE, DSH, VB, AD)
Kontra : 0

Astensjonijiet: 0

## 8. Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet

8.1. Ma kien hemm l-ebda mozzjonijiet/rakkomandazzjonijiet.

## 9. Pjan ta' Ħidma 2016-2018

9.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet għal-approvazzjoni tal-Kunsill il-Pjan ta' Ħidma għas-snin 2016-2018.

9.2. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Matthew Paris u ssekondata mill-Kunsillier Albert Demarco, ittieħed vot favur l-approvazzjoni pjan ta ħidma bir-rizultat:

Favur: 5 (MP, AD, DSH, VB, JAE)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

## 10. Jum il-Floriana

10.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili fetħet il-materja billi qalet li din l-attività' tkun maqsuma fi tnejn: l-attività' tal-għoti ta' premjazzjonijiet kif ukoll l-attività' li tittella' dakinhar.

10.2. Il-Kunsillier Matthew Paris qal li kien ikkonferma s-sala ta' Robert Samut kif ukoll lill-kantant Kevin Borg. Huwa qal ukoll li kellu konferma mingħand Mario Xuereb u Jackie Mercieca li ser jippreżentaw is-serata.

10.3. Il-Kunsillier Paris qal li l-Kunsillier Ellul kien qed jieħu ħsieb il-logo tal-attività'. Huwa kompla billi qal li kien għad fadal in-nominazzjonijiet li d-deadline tagħhom kien sat-18 ta' Marzu 2016. Huwa qal li appena jinħatar il-persuna, ikun jista' jibda' x-xogħol tal-għażla.

10.4. Is-Sindku talbet lill-Kunsillier Demarco sabiex jagħmel laqgħa ma' Jane Farrugia b'mod immedjat kif ukoll ma' Ray Mifsud tal-Floriana Ajax, li huwa s-sostitut tas-Sinjura Farrugia f'każ ta' konflitt t'interess.

10.5. Il-Kunsillier Paris qal li l-Kunsillier Demarco flimkien mas-Sinjura Farrugia kienu ser jiddeċiedu fuq il-premjijiet kollha għajr il-premju ta' Ġieh il-Floriana.

10.6. Il-Kunsillier Paris qal li l-attività' kienet ser tibda għal ħabta tat-8pm.

10.7. Il-Kunsillier Ellul ippropona li jintwera l-filmat tal-Floriana mill-ajru. Il-Kunsillier Paris żied jipproponi li mal-filmat ikun hemm ukoll voiceover li jilqa' lill-mistednin għall-attività' kif ukoll jippreżenta lill-preżentaturi.

10.8. Il-Kunsillier Ellul qal li ser ikun hemm tliet nominati li minnhom ser jintagħżel wieħed. Huwa qal li għandu jintwera l-isem biss fuq l-iscreen.

10.9. Il-Kunsillier Paris ippropona li l-Kunsill jixtri memento mingħand l-Mdina Glass għal din l-attività'.

10.10. Is-Sindku Davina Sammut Hili innominat lis-Sur Charlie Galea, eks plejer tal-Floriana kif ukoll coach tan-nursery; lis-Sur Tony Zarb, eks Segretarju Ġenerali tal-GWU u rebbieħ ta' Ġieħ ir-Repubblika, lis-Sur Jean Pierre Farrugia, eks membru parlamentari, lis-Sur Jerry Bilocca (eks Segretarju tal-MPFA) u lis-Sinj. Raina Giusti, pjejer tat-tim nazzjonali tan-nisa kif ukoll tat-tim ta' Birkirkara.

10.11. Il-Kunsillier James Aaron Ellul innomina lis-Sur Charlie Ciangura, drummer, lis-Sur Freddie Tonna li jdoqq mal-Orkestra Nazzjonali, lis-Sur Peppi Azzopardi preżentatur, lis-Sur Carmelo Cauchi, plejer tal-futbol u lis-Sur John Holland, plejer tal-futbol.

10.12. Il-Viċi Sindku Vincent Borg innomina lill-mużiċist Toni Agius kif ukoll lis-Sur Twanny Piscopo.

10.13. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li l-personaġġi magħżula huma s-Sinj. Raina Giusti, is-Sur Charlie Galea, is-Sur Jean Pierre Farrugia, is-Sur Tony Zarb, is-Sur Freddie Tonna u s-Sur Jerry Bilocca.

10.14. Il-Kunsill qabel li għandu jistieden lil dawn il-persuni għas-serata tal-premjijiet.

## 11. **Festival tal-Logħob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat.**

11.1. Il-Kunsillier Matthew Paris informa li d-disinn tal-poster għal din l-attività' kien tlesta u għandu jibda jiġi iċċirkolat.

11.2. Il-Kunsillier Matthew Paris qal li kif kien diskuss f'laqgħat preċedenti tal-Kunsill, għandha tittella' attrazzjoni għall-għaxar edizzjoni ta' dan il-festival bil-ħsieb kien li jkun hemm kaxxa tan-nar bil-mużika li tingħata minn fuq Montgomery House. Huwa qal li dan ma kienx possibbli minħabba l-pannelli. Il-Viċi Sindku Borg saqsa jekk tistax tingħata mill-car park tal-Fosos.

11.3. Il-Kunsillier Paris issuġġerixxa li l-Kunsill jerġa' jiddiskuti u jikkunsidra l-possibbiltà' li jsir tapit minflok. Huwa qal li nel frattemp ser jitkellem ma' Colin Muscat dwar dan.

11.4. Il-Kunsillier Paris qal li l-promozzjoni tal-attività' kienet miexja ġmielha. Huwa qal li l-Kunsillier Ellul kien ħa l-inkarigu tal-promozzjoni fuq il-media soċjali.

11.5. Il-Kunsill iddiskuta wkoll il-ħin tal-bidu tal-festival. Il-Kunsillier Matthew Paris, informa li kien intlaħaq qbil mas-Soċjetà' Filarmonika Vilhena sabiex jispiċċaw il-kunċert tagħhom fl-10.15pm u eżatt wara jingħata bidu għall-Festival tal-Logħob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat..

## 12. **St Patrick's SUNDay**

12.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili fetħet il-materja billi qalet li l-preparazzjonijiet għal din l-attività' kienu mixjin tajjeb ħafna u li kollox kien kważi konkluż.

12.2. Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand Kenny Roberts dwar prekawzjonijiet minħabba x-xita. Huwa qal li kien ġab kwotazzjoni ta' Eur650 għal tinda li tkopri l-istage u informa wkoll li l-ispiża totali għall-attività' kienet eċċediet it-Eur3000 li ma kienux jinkludu l-għajnuna finanzjarja li nġabret mill-isponsors.

12.3. Il-Kunsill qabel li għandha ssir it-tinda proposta a spejjez tal-Floriana Ajax.

12.4. Il-Kunsillier Matthew Paris informa lill-Kunsill li kien iltaqa' mas-Supretendent fejn informah li l-Kunsill kien mitlub jagħmel assigurazzjoni li tkopri l-attività'. Huwa qal li l-Pulizija kienu imponew il-kundizzjoni li ma jkunx hemm iktar minn bar wieħed li jbiegħ l-alkol kif ukoll li l-attività' tintemm sas-6pm b'konċessjoni ta' 30 minuta.

12.5. Il-Kunsillier Matthew Paris qal ukoll li ser ikun hemm spazji ta' parkeġġ riservati għall-performers minn ħdejn Jeff's Pastizzeria sal-HQ Bar.

12.6. Il-Viċi Sindku Vincent Borg saqsa rigward it-toilets u talab li ma jsirux mad-djar tar-residenti iżda jitpoġġew fi Ġnien il-Mall. Il-Kunsillier Paris qal li din il-kwistjoni ġiet diskussa wkoll u kien hemm qbil li jsiru barra miz-zona residenzjali.

12.7. Is-Sindku Davina Sammut Hili informat li kienet talbet li jkun hemm servizz ta' tindif wara l-attività' li ammonta għal Eur50 + VAT.

## 13. Skema ta Parkeġġ Residenzjali

13.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili talbet lill-Kunsillier Albert Demarco sabiex jieħu ħsieb jikkoordina laqgħa mal-kunsillieri sabiex jigu diskussi ir-regolamenti tal-Kunsill marbutin ma' din l-iskema. Hija qalet li din il-materja kienet ilha pendenti u għalhekk il-laqgħa kellha ssir b'mod immedjat.

## 14. Ġenna ta Ġonna u Ħafna iktar.

14.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili fetħet il-materja billi għamlet riferenza għal-korrispondenza ta' Paul Galea fejn informa li ma setax jattendi għall-attività' fis-16 t'Ottubru.

14.2. Il-Kunsill qabel li l-edizzjoni li jmiss ta' Ġenna ta' Ġonna għandha ssir nhar id-9 t'Ottubru. F'każ li jkun hemm qbil, il-Kunsill għandu jieħu ħsieb jinforma lid-Dipartiment għal-Gvern Lokali peress li l-attività' kienet taqa' taħt l-iskema offruta minnhom.

## 15. Proġetti u Xogħolijiet

15.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza mingħand il-Funding Section tal-MEPA fejn informaw li s-CPPS għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom 'il fuq minn miljun ewro relatati ma' parkeġġi.

15.2. Is-Sindku Davina Sammut Hili pproponiet li jiġi rranġat il-parkeġġ ta' Belt is-Sebħ.

15.3. Il-Kunsillier Matthew Paris issuġġerixxa wkoll is-sit fejn hemm il-monument ta' Dun Karm fejn taħt l-art isir parkeġġ u fuq isir open space. Il-Kunsill approva din il-proposta.

15.4. Il-Kunsill qabel li għandu jiltaqa' mas-Sur Mallia sabiex jiġi diskuss dan il-proġett.

15.5. Is-Sindku Davina Sammut Hili informat lill-Kunsill dwar il-piċċ tal-boċċi, spiża li ser tammonta għal madwar ħdax-il elf ewro. Il-Kunsill qabel li għandu jirrevedi l-ispiża u li l-proġett isir fuq skala iżgħar.

15.6. Il-Viċi Sindku Vincent Borg saqsa fuq il-proġett ta' non slip ta' Triq il-Fosos. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa li l-istima mogħtija mir-Road Servicing Ltd. ġiet id-doppju ta' dak li kien ġie maħdum mill-Kunsill. Għalhekk il-Kunsill qabel li għandu jmur għall-irħas alternattiva.

## 16. Traffiku u parkeġġ

16.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili fetħet il-materja billi nformat li kien hemm xi residenti ta' Triq San Publju li oġġezzjona li t-triq issir one way.

16.1.1. Il-Kunsillier Matthew Paris qal li għalkemm jemmen li kien hemm punti validi, ma jaqbilx mal-kumment fejn intqal li mhux se jkun hemm aċċess.

16.1.2. Il-Viċi Sindku Vincent Borg qal li fi żmien il-festa, l-aċċess għal Triq San Publju jista' jsir minn quddiem il-Knisja u li dakinhar tal-festa meta Pjazza San Publju tkun magħluqa, jistgħu jitgħatta temporanjament it-tabelli tal-one way meta jkun hemm l-ark armat.

16.1.3. Il-Kunsillier Matthew Paris issuġġerixxa li ssir prova fuq ġimgħatejn.

16.1.4. Is-Sindku Davina Sammut Hili pproponiet li l-Kunsill iħalli l-festa tgħaddi u wara, issir prova kif suġġerit.

16.2. Il-Kunsillier James Aaron Ellul saqsa fuq il-proposta tal-Park & Ride u saqsa jekk kienx hemm risposta. Is-Sindku wieġbet li kienet għadha qed tistenna risposta mingħand il-Ministru Joe Mizzi.

## 17. Ġonna u Soft areas

17.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili fetħet il-materja billi pproponiet li tintbagħat ċirkolari lir-residenti sabiex il-Kunsill iħeġġeġ lir-residenti jżommu l-indafa fil-lokalita' b'diversi modi inkluż li jinżammu l-klieb fuq iċ-ċinga u li wieħed inaddaf wara l-kelb tiegħu.

17.2. Il-Kunsillier Matthew Paris għamel riferenza għall-arloġġ tal-bandli u ippropona li dan jitgħatta jew jitneħħa ladarba ma kienx qed jaħdem. Il-Kunsill qabel li għandu jgħattiħ.

17.3. Il-Viċi Sindku Vincent Borg għamel riferenza għal-pompa li tintuża għat-tisqija fil-bandli. Huwa qal li din kienet qed taqta' s-salva vita u saqsa meta din kienet ser titranġa. L-Aġent Segretarju Ezekuttiv qal li l-ELC kienu ġew informati u kellhom jieħdu ħsieb jirrangawha.

17.4. Is-Sindku Davina Sammut Hili informat lill-Kunsill b'ritratt mibgħut mill-kuntrattur li jieħu ħsieb il-ġonna li juri ammont kbir ta' siringi li tħallew fil-latrini. Hija qalet li s-sitwazzjoni ma tistax tibqa' hekk u li kien hemm bżonn li jsir xi ħaġa.

17.5. Il-Kunsillier Matthew Paris qal li kien hemm bżonn li l-Kunsill jistabbilixxi f'ixhin kien qed isir dan l-abbuż.

17.6. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob lill-kuntrattur sabiex imur inaddaf il-latrini erbgħa darbiet kuljum għal ġimgħa u dan sabiex jiġi stabbilit f'ixhin kien qed ikun hemm l-ikbar numru t'abbuż. Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jintalab bin lill-health centre kif ukoll grabber.

**<u>Nota: 19:00 Il-laqgħa ġiet xolta temporanjament.</u>**
**<u>19:06 Il-laqgħa tkompliet.</u>**

17.7. Il-Kunsillier James Aaron Ellul għamel riferenza għas-siġar li hemm ħdejn il-Knisja ta' Sarria u qal li dawn hemm bżonn li jinżabru għax qed jagħmlu pressa mat-twieqi. Il-Kunsill qabel li għandu jikkuntattja lill-ELC sabiex issir iż-żabra neċessarja.

17.8. Il-Kunsillier James Aaron Ellul ippropona li jitwaħħlu tabelli kontra t-tmiegħ tal-ħamiem fuq il-Fosos. Il-Kunsill qabel li għandu jordna żewġ tabelli.

17.9. Il-Kunsillier James Aaron Ellul saqsa jekk il-kunsillieri kellhomx xi zoni f'moħħhom fejn xtaqu li jsiru iktar cat cafes. Huwa qal li għandu jġib xi kwotazzjonijiet mingħand mastrudaxxi differenti u jressaqhom quddiem il-Kunsill.

17.10. Il-Viċi Sindku Vincent Borg għamel riferenza għaċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Gorg V u qal li hemm bżonn li jiżdied id-dawl fuq l-entratura ta' dan il-ġnien. Is-Sindku Davina Sammut Hili qalet li dan id-dawl kien diġà ġie approvat u għalhekk ipproponiet li l-Kunsill għandu jkellem lin-Nexos. Il-Kunsill qabel.

## 18. <u>Aġġornament tal-laqgħa</u>

18.1. Il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar il-Erbgħa 13 t' April 2016 fil-5pm.

**Il-laqgħa intemmet fis-7.15 p.m.**

Davina Sammut Hili
Sindku

Svetlick J. Flores
Aġent Segretarju Eżekuttiv